**Qorti tal-Appell Kriminali**
Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 411/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Francis Bezzina**

Illum, 4 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Francis Bezzina detentur tal-karta ta' l-identita' numru 344672M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**N**har it-18 ta' Novembru 2015, għall-habta ta' 05:00hrs ġewwa l-limiti tal-Ghargħur u f'dawn il-gżejjer, ikkaċja jew ipprova jikkaċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur (Venewwa – Vanellus vanellus) li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondzzjonijiet ta' kull licenzja li tingħata taħtha, Reg 4(1)(a) tas-SL 504.71; kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi waqt staġun miftuh ha jew pprova jieħu b'xi mezz, xi għasfur (Venewwa – Vanellus vanellus) meta ma issodisfax il-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-Liċenjza Speċjali għall-Insib limitat għall-insib tal-Pluvieri u l-Malvizz fil-Ħarifa tal-2015 maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u f'kull liġi oħra ċioè nasab jew prova jonsob għal xi speci ta' għasfur mhux il-Malvizz jew il-Pluviera (Venewwa – Vanellus vanellus), bi ksur ta' kundizzjoni numru 18 tal-imsemmija Licenzja, bi ksur tar-Reg 12(1) tal-A.L. 79

tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u bi ksur tar-Reg 9 tal-A.L. 289 tal-2014 hekk kif emendat (L.S 504.113); u aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċikorstanzi ikkaċċja jew pprova jikkaċja, ħa jew pprova jieħu xi għasfur billi użajt tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar bi skur tar-regolamenti 7(1)(d) tal-liġi sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitlub illi barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27 ta' l-A.L 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess mahruf taħt ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu appikabbli taht l-A.L 79 l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(d) tal-L.S. 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 12(1) tal-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 507.71) tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-A.L 289 tal-2014 hekk kif emendat (L.S. 504.113) tal-Ligijiet ta' Malta, Il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prokuzzjoni u kkundannatu b'multa t'elf u tlett mitt euro (€1,300), sospensjoni tal-liċenzja għal sentejn u kif ukoll konfiska tal-esebiti.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Francis Bezzina minnu ppreżentat fit-23 ta' Ottubru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u htija skond il-liġi, u rigwardanti l-piena, subordinatament u minghajr preguzzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija, illi tvajra u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skond il-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti u ċioe':-

Illi **fl-ewwel lok**, l-esponenti umilment jissottometti illi mill-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni stess, u skond kif inhi dedotta c-citazzjoni, ma giex pruvat li l-esponenti huwa hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu – anzi jidher li hemm l-impossiblità li l-esponenti fid-data u fil-hin indikati fic-citazzjoni huwa kien qieghed jonsob. Infatti l-pulizija fil-hin indikat fic-citazzjoni ma sabu lil hadd fuq il-mansab, anzi huma stess jikkonfermaw li meta marru huma fuq is-sit (fil-hin indikat fic-citazzjoni) l-esponenti kien qieghed ghal kacca f'ghalqa fil-vicin. Konsegwentament, l-esponenti qatt ma seta' jinstab hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni. In oltre, imkien ma tirrizulta pruvata li l-esponenti kien qieghed juza birdcaller fid-data u l-hin indikat fic-citazzjoni stante li l-istess pulizija jghidu li huma ma sabu l-ebda birdcaller mixghul. **Fit-tieni lok**, u b'referenza ghal dak li allegatament qal l-appellanti lill-ufficjali tal-pulizija, tali dikjarazzjoni hija nieqsa ghall-kollox mill-karatteristici fic-citazzjoni li jridu jigu pruvati fic-citazzjoni bhad-data u l-hin. **Fit-tielet lok,** u strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena in kwistjoni, f'kaz ta' htija ghandha tkun iktar miti.

## PRELIMINARI

L-esponenti umilment jirrileva illi sad-data tal-prezentata tal-appell huwa kellu biss f'idejh is-sentenza miktuba di *propio pugnio* mill-Ewwel Onorabbli Qorti li tindika biss il-htija u l-piena li inghatat minghajr kunsiderazzjonijiet ulterjuri. Konsegwentament l-esponenti ma jista jressaq l-ebda aggrvaju rigward is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, u qieghed minn issa, bir-rispett, jitlob li jirriserva d-dritt li jekk ikun il-kaz, iressaq konsiderazzjonijiet u aggravji ulterjuri dwar is-sentenza fit-trattazzjoni orali ta' dan l-umili appell.

### 1. ASSENZA TOTALI TA' PROVI LI JIPPUNTAW LEJN IL-HTIJA

L-esponenti huwa akkuzat talli nhar it-18 ta' Novembru 2015, ghall-habta tal-5 ta' filghodu huwa kien qieghed jikkacja jew jipprova jikkacja, u/jew jonsob jew jipprova jonsob ghall-venewwa. Apparti minn hekk, u b'rabta mal-ewwel imputazzjoni l-

esponenti gie akkuzat ukoll talli kien qed jonsob jew jipprova jonsob ghal venewwa waqt stagun miftuh li però kien limitat ghal pluvieri u l-malvizz. U finalment l-esponenti gie akkuzat ukoll talli kien qed juza birdcaller.

Fl-ewwel lok, ghandu jigi ppuntwalizzat illi fit-18 ta' Novembru 2015, kien stagun miftuh ghall-kacca, u kien ukoll stagun miftuh ghall-insib tal-pluvieri u malvizz.

Apparti minn hekk, jinghad ukoll illi filwaqt li fit-18 ta' Novembru 2015 l-insib ghall-venewwa ma kienx permess mill-ligi, mandanakollu l-kacca ghall-venewwa kienet permessa. Kwindi dakinhar wiehed seta' jikkacja ghall-venewwa bis-senter izda mhux jonsobha.

Maghmula din il-kjarifika jigi rilevat bir-rispett, li l-prosekuzzjoni fic-citazzjoni akkuzat lill-esponenti bi ksur ta' ligi f'hin u data partikolari, b'dan li l-imputazzjonijiet huma limitati esklussivament ghal data partikolari, i.e. 18/11/2015 u hin partikolari, i.e. ghall-habta tal-05:00hrs. Dan il-fatt ifisser allura li l-prosekuzzjoni kienet marbuta *sine qua non* li ggib prova minghajr dubju dettat mir-raguni li l-imputat mhux biss ikkommetta reat izda li f'dik id-data u f'dak il-hin partikolari kien qieghed jikkommetti il-ksur ta' ligi li bih huwa gie akkuzat.

Dan l-obbligu fuq il-prosekuzzjoni huwa principju bazilari fil-kamp tal-proceduri penali fejn biex tinstab htija mhuwiex bizzejjed li jigi pruvat li l-akkuzat kiser il-ligi, izda li huwa kiser il-ligi fid-data u l-hin u c-cirkostanzi kif indikati fic-citazzjoni.

Madanakollu jekk wiehed jara l-affidavits tal-pulizija, wiehed jinduna li prattikament l-istess pulizija qed jeskludu li fid-data u l-hin partikolari indikati fic-citazzjoni l-esponenti kkommetta r-reati imputati.

Il-provi li ressqet il-prosekuzzjoni kienu 2 affidavits tal-pulizija, u xhud Nimrod Mifsud.

Dwar dak li raw u kkonstataw iz-zewgt ufficjali tal-pulizija, PC 1057 jghid li meta marru fuq il-post wara li ghall-habta tal-05.00hrs ircevew rapport minn certu Nimrod Mifsud,

"*sibna l-mansab li kien armat*[1] *però* ***ma kien hemm ebda birdcaller mixghul kif ukoll ma kien hemm ebda decoy ta' venewwa***".

PS 1030 mbaghad jikkorrobora l-verzjoni tal-kollega tieghu u ghid li meta dahlu fl-ghalqa "*kien hemm il-mansab armat u kkargat però* ***ma kienx hemm decoy ta' venewwa kif ukoll ma kien hemm l-ebda birdcaller.***"

Kwindi dawn id-dikjarazzjoni wehidhom juru li ma kienet qed issir l-ebda illegalità rigward l-insib.

In oltre, l-istess pulizija jikkonfermaw li ma sabux lill-esponenti fuq il-mansab.

Infatti PC 1057 jghid li "*ftit minuti wara giet persuna li kienet certu Francis Bezzina*", u PS 1030 jghid li "*ftit minuti wara giet persuna li kien ghal kacca go ghalqa fil-vicin*". Kwindi mhux biss jghidu li l-esponenti ma kienx fuq il-mansab talli huma stess jeskluduh minn hemm stante li jikkonfermaw li huwa kien go ghalqa ohra jikkacja u mhux jonsob!

In olre, minghajr ma wiehed jinstema li b'xi mod qieghed jghid l-ovvju, l-esponenti jtenni bir-rispett li element *sine qua non* biex bniedem jonsob jew jipprova jonsob huwa li apparti li l-persuna jkollha l-apprat lest, il-persuna **trid tkun qeghda fil-post tistenna** u ghassa ghall-ghasafar biex meta jitfaccaw jkunu jistghu jinqabdu fix-xbiek. Jekk ma jkunx fuq il-mansab ghassa, bl-ebda mod ma huwa ser jirnexxielu jonsob ghaliex dan id-delizzju jirrekjedi li jkun hemm persuna litteralment '*stand by*' fuq il-mansab ghassa tal-ghasfur sabiex meta jmiss mal-ixbiek in-nassab f'temp ta' sekonda jaqleb l-istess xbiek u jonsob l-ghasfur.

Ghal kompletezza, huwa minnu wkoll li apparti dawn iz-zewgt pulizija, l-prosekuzzjoni ressqet ukoll lil Nimrod Mifsud bhala xhud taghha. Madanakollu, lanqas it-testimonjanza ta' Nimrod Mifsud ma tista' b'xi mod remot twassal ghall-htija.

Nimrod Mifsud jghid li ghall-habta tas-01.00hrs u s-02.00hrs huwa mar go ghalqa flimkien mal-pulizija tad-distrett (liema pulizija mhumiex tal-ALE u ma tressqux bhala xhieda f'din il-kawza) u hemmhekk skond hu instab mansab, decoys u anke birdcaller.

---

[1] Stante li kien stagun tal-insib miftuh ma kien hemm xejn illegali fil-fatt li instab mansab.

Meta mistoqsi però jindika jekk huwa rax lil xi persuna fuq l-istess sit, huwa jghid li ma kien hemm l-ebda persuna fuq is-sit, u kwindi *multo magis* ma jista jinghad li kien hemm l-appellanti. Apparti minn hekk, l-istess Nimrod Mifsud jixhed biss dwar il-hin tas-01.00hrs u s-02.00hrs, liema hin però mhuwiex parti mill-akkuza. Fl-ahhar nett, meta jitkellem dwar il-hin ta' filghodu, (liema hin huwa mhuwiex cert dwaru izda jghid li kien sebah), huwa jghid li fis-sit ma dahalx ghaliex dahlu l-pulizija tal-ALE wehidhom kif ukoll lill-esponenti ma rah imkien – infatti bl-ebda mod ma jidentifika lill-esponenti.

Konsegwentament, l-esponenti jissottometti li dawn iz-zewgt pulizija u Nimrod Mifsud imkien ma jghidu li raw lill-esponenti jonsob jew jipprova jonsob (*multo magis* jonsob ghall-venewwa meta lanqas biss ma sabu din l-allegata decoy tal-venewwa fuq il-post) – anzi l-pulizija jghidu li ma kienx fuq il-post, u li kien f'ghalqa fil-vicin jikkacja minflok.

Konsegwentament, l-esponenti umilment itenni li semplicement ma hemm l-ebda prova, zghira kemm hi zghira, li tista' b'xi mod tipponta lejn htija tal-esponenti ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-esponenti gie misjub hati mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

## 2. <u>Dak li Allegatament Qal l-Esponenti lill-Pulizija</u>

Ghall-kompletezza, ghandu jinghad li z-zewgt pulizija isemmu fl-affidavits taghhom li l-esponenti allegatament qallhom li kellu decoy tal-venewwa imma kien nehhieha u li kellu birdcaller imma kien tfieh. L-esponenti però umilment jissottometti illi din id-dikjarazzjoni xorta wahda ma twassalx ghall-prova ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni kif trid il-ligi.

Jigi ribadit preliminarjament infatti li mhuwiex car xi twissija taw il-pulizija lill-esponenti fuq il-post. Iz-zewgt ufficjali jghidu biss li l-esponenti "*inghata t-twissija legali*" minghajr dettalji ulterjuri. Ta' min jinnota li fl-ebda hin il-pulizija ma jghidu li lill-esponenti, bhala persuna suspettata, tawh id-dritt li jikkonsulta mal-avukat qabel ma jwiegeb ghad-domandi taghhom. Anzi l-pulizija jghidu li allegatament huma tawh biss "*twissija legali*", b'dan però li bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni l-kelma "*twissija*" ma tista' b'xi mod tinftiehem bhala li gie moghti xi dritt hu x'inhu, *multo magis* dritt ghall-access tal-avukat.

Konsegwentament, fid-dawl tal-fatt li jidher li l-pulizija naqsu milli jottempraw ruhhom mal-procedura kif rikjest minnhom ai termini inter alia tal-artikoli 534AB tal-Kodici Kriminali, l-esponenti umilment jissottometti li dak li allegatament l-esponenti qal lill-ufficjali tal-pulizija ghandu jigi dikjarat inammissibli u skartat.

Fl-ahhar lok, anke jekk għall-grazzja ta' l-argument biss, wieħed kellu jaċċetta id-dikjarazzjoni li l-esponenti allegatament ghamel lill-pulizija, din xorta però ma tikkostitwixxix ħtija ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti. Dan għax nieqsa minn karatteristiċi importanti bħalma huma d-data u l-hin tal-inċident li l-appellant kien qiegħed jirreferi għalihom.

Minn ezami akkurat tal-affidavits jidher illi l-appellanti fl-ebda mument ma qal lill-ufficjali tal-pulizija li dakinhar stess fit-"*18 ta' Novembru 2015*" u dak il-hin stess "*ghall-habta tal-05.00hrs*" huwa kien kellu *birdcaller* mixghul jew li kellu *decoy* tal-venewa fuq il-mansab. Minn dak li allegatament qal l-appellanti lill-pulizija ma jirrizultax meta u fi xhin sehhew dawn iz-zewgt affarijiet, u ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati ma setghatx tasal ghall-konkluzjoni illi tali imputazzjoni, kif dedotta, kienet giet ippruvata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.[2]

Huwa obbligu tal-prosekuzzjoni li tressaq il-provi taghha minghajr dubju dettat mir-raguni ghall-akkuzi li hija tressaq fic-citazzjoni. Dan l-obbligu fuq il-prosekuzzjoni huwa naxxenti mill-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali li jistipola li:

> *"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw."*

Illi l-importanza tad-dettalji fic-citazzjoni u tal-obbligu/ l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq provi skond kif indikat fic-citazzjoni gew trattati wkoll fil-kawzi: ***Il-Pulizija vs***

---

[2] Ragunament kwazi identiku izda rigward il-post fejn sehh l-incident kif gie accettat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-imsijiet il-Pulizija vs Mark Cassar, deciza nhar l-1 ta' Lulju 2015, per Imhallef Dr. D Scicluna.

***Ramon Mifsud Grech et.***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' April 2012[3]; ***Il-Pulizija vs Warren Piscopo*** u ***il-Pulizija vs Ruth Theuma,*** it-tnejn li huma decizi mill-Qorti tal-Appell nhar id-19 ta' Ottubru 2010[4]; ***il-Pulizija vs John Mary Briffa*** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-18 ta' Ottubru 2005 u ricentament ***il-Pulizija vs Raymond Xerri***, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Jannar 2017. F'dawn il-kawzi infatti l-imputati gew liberati propju minhabba li l-provi tal-prosekuzzjoni kienu qed jippuntaw lejn dati / hinijiet differenti minn dawk indikati fic-citazzjoni.

Finalment, u in sostenn tal-premess, l-esponenti jaghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet: ***Il-Pulizija vs Rita Zammit***[5], deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta' April 2005, fejn l-imputata giet liberata minhabba zball fid-data fic-citazzjoni, il-Qorti iddikjarat li d-data tal-allegat reat hija cirkostanza materjali u sostanzjali fl-akkuza, u filwaqt li ikkonfermat il-liberazzjoni tal-imputata, irriteniet sahansitra li talba ghall-korrezzjoni f'dawn id-dettalji wara li l-prosekuzzjoni u d-difiza tkun ghalqet il-provi taghha "*ikun abbuz lampanti mill-process penali a skapitu tal-persuna akkuzata w tali agir, apparti li fil-fehma ta' din il-Qorti ikun jikkostitwixxi minaccja serja ghad-dritt ta' smiegh xieraq, ikun qed ikun ingust mad-difiza w mall-akkuzat b' mod li johloq pregudizzju w dannu rrimedjabbli.*"

Kwindi, fid-dawl tal-fatt li l-allegata diskors tal-esponenti huwa nieqes minn kwalsiasi referenza ghad-data u l-hin skond kif indikati fic-citazzjoni, li l-htija skond kif imputata fic-citazzjoni ma tistax tirrizulta.

Konsegwentament, fid-dawl ta' dawn is-sottomissjonijiet li juru kemm huwa krucjali l-provi jippuntaw lejn l-imputazzjonijiet kif dedotti fic-citazzjoni bid-dettalji dwar il-hin, data, lok u cirkostanzi, l-esponenti umilment jissottometti illi l-prosekuzzjoni bil-provi

---

[3]Hawnhekk, l-akkuzi kienu jitrattaw il-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tal-11.30pm, izda l-provi kollha kienu jindikaw li l-incidnet sehh fil-25 ta' Ottubru 2009, fit-03.30am, u konsegwentament, il-Qorti illiberat lill-imputati mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom. Minn din is-sentenza ma gie intavolat l-ebda appell mill-Avukat Generali.

[4]L-imputati gew liberati mill-imputazzjoniijiet dedotti kontra taghhom minhabba li filwaqt li c-citazzjoni kienet indikat il-hin tas-06.10am, l-incident li fih l-imputati kienu involuti kien sehh fis-06.10pm.

[5]Appell tal-Avukat Generali.

taghha, anke jekk wiehed jikkonsidra dak li allegatament qal l-esponenti lill-pulizija a *tempo vergine*, xorta wahda ma rnexxielhiex tipprova l-akkuzi kif dedotti u ghandu jkun hemm liberazzjoni.

3. **AGGRAVJU DWAR PIENA**

Illi strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu l-esponenti umilment jissottometti illi subordinatament, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-esponenti u tikkonferma l-htija, l-piena fil-kaz in kwistjoni ghandha tkun wahda iktar miti skond ic-cirkostanzi tal-kaz, b'dan li tkun tqarreb iktar lejn il-mimimu tal-piena kontemplat fil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi **PS1030 C. Theuma** stazzjonat fl-Administrative Law Enforcement (ALE) Floriana xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit quddiem l-Ewwel Qorti. Huwa ddikjara li fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-05:00hrs irċieva telefonata mingħand il-control room tal-Pulizija fejn ġie mgħoddi persuna li kien fuq il-linja, ċertu Nimrod Mifsud membru tal-Birdlife Malta li qal li xtaq li jirraporta illegalita waqt attivita ta' nsib fl-inħawi tal-Għargħur. Huwa ddikjara li mar ma' PC 1057 fuq il-post indikat lilhom u ltaqgħu ma' Nimrod Mifsud fl-inħawi tal-Għargħur. Is-Sur Mifsud qal li fl-għalqa kien hemm mansab armat u kargat bid-decoys mdawrin miegħu, kien hemm decoy ta' Venewwa mal-mansab u birdcaller mixgħul. Huwa flimkien ma PC 1057

daħlu fejn kien hemm il-mansab armat u kkargat pero ma kienx hemm decoy ta' venewwa u lanqas birdcaller mixgħul.

Jiddikjara li wara ftit minuti ġiet persuna li kien għall-kaċċa ġo għalqa viċin fejn wara li ngħata t-twissija legali, qal li l-mansab kien tiegħu kif ukoll li kien reġistrat mal-awtorita' kompetenti (WBRU), huwa qal ukoll li kellu decoy ta' Venewwa pero kien neħieha kif ukoll kellu birdcaller li kien mitfi. Din il-persuna mitkellma kienet Francis Bezzina, bin-numru tal-karta tal-identita' 344672M li ġie avżat biex jżarma l-mansab u infurmat li ser jittieħdu passi bil-Qorti fil-konfront tiegħu.

Il-Carnet De Chasse, tmien (8) ċrieket ħomor u erbgħa (4) sofor, site map u l-birdcaller ġew elevati u nħarġet l-irċevuta 4699 tagħhom;

Illi **PC1057 N. Camilleri** stazzjonat Administrative Law Enforcement (ALE) ukoll xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn ddikjara li nhar it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs) waqt li huwa kien dettaljat xogħol patrol ma' PS 1030 irċievew telefonata minn naħa tal-control room fejn ġew mgħoddija ma' ċertu Nimrod Mifsud fejn dan xtaq jirraporta attivita ta' nsib illegali fl-inħawi tal-Għargħur. PC1057 iddikjara li kif wasal fuq il-post ltaqa' mal-persuna li għamlet ir-rapport fejn dan stqarr li fl-għalqa li kien qiegħed jindika kien hemm mansab armat b'xi decoys mwaħħla fejn kien hemm ukoll decoy ta' Venewwa kif ukoll birdcaller li kien mixgħul. Jgħid li hekk kif huwa flimkien ma' PS1030 daħlu fil-post sabu l-mansab armat pero ma kien hemm ebda birdcaller mixgħul u lanqas decoy ta' Venewwa. Jgħid li ftit minuti wara ġie ċertu Francis Bezzina bin-numru tal-karta tal-identita' 344672M fl-inħawi tal-mansab fejn ingħata t-twissija legali fejn huwa stqarr li l-mansab kien tiegħu u li kien reġistrat mad-WBRU. Huwa stqar ukoll li veru kellu decoy tal-Venewwa kif ukoll birdcaller attiv u li kien tfieħ. Dan ġie ordnat iżarma l-mansab u ġie nfurmat li kienu ser jiettieħdu passi bil-Qorti fil-konfront tiegħu. Ġew elevati Carnet De Chasse, tmien (8) ċrieket homor u erbgħa (4) sofor, site map u l-birdcaller u nħarġet irċevuta numru 4699.

Illi r-rapport tal-Pulizija a fol 23 jipprovdi li fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għal ħabta tal-5:00 PS 1030 rċieva telefonata permezz tal-control room tal-Pulizija fejn ġie nfurmat li kien hemm membru tal-Birdlife li xtaq jirraporta illegalita waqt attivita ta' nsib. PS 1030 għamel kuntatt ma ċertu Nimrod Mifsud, membru tal-Birdlife Malta fejn għal ħabta tal-05:30 l-Pulizija ltqaqgħu mas-Sur Mifsud li ndikalhom mansab armat bi xbiek kif ukoll kien hemm xi decoys tal-pluvieri mdawrin mal-mansab u li qal ukoll li fil-mansab kien hemm decoy ta' venewwa li kien projbit li tonsob għaliha kif ukoll birdcaller mixgħul.

Ir-rapport kompla jiddikjara li s-Sur Mifsud qal ukoll li ftit qabel kienu ġew pulizija oħra minn tad-distrett pero' mbagħad talbu l-assistenza professjonali tal-iskwadra ALE. Jaqra li kif PS 1030 u PC 1057 daħlu fil-mansab ġie nnotat li l-birdcaller kien mitfi kif ukoll li ma kien hemm l-ebda decoy ta' Venewwa. Wara ftit minuti ġiet persuna maskili minn għalqa viċin il-mansab imsemmi fejn qal li l-mansab kien tiegħu. Wara li ngħata t-twissija legali huwa qal li l-Birdcaller kien tfiegħ kif ukoll d-Decoy tal-Venewwa kien neħħieha. Il-persuna kien ċertu Frans Bezzina bin-numru tal-karta ta' identita' 344672M. L-appellant ġie avżat li ser jittieħdu passi bil-Qorti fil-konfront tiegħu kif ukoll il-birdcaller flimkien ma ċrieket (tmienja (8) ħomor u erbgħa (4) sofor), carnet de chasse u site map ġew elevati u nħarġet rċevuta bin-numru 4699 għalihom;

Rat id-dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni;

Illi stante li x-xhieda tax-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti ma ġietx traskritta, din il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti;

Illi fis-seduta ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed **Kenneth Portelli** fejn spjega li huwa Enforcement Officer mal-Wild Birds Regulations Unit (WBRU). Jgħid li huwa ġie mitlub jiċċekja x'liċenżji kellu l-appellant fis-sena elfejn u ħmistax (2015). Huwa jgħid li mid-dokumenti li għandhom l-uffiċju u mid-database tagħhom, jirriżulta li l-appellant fis-sena elfejn u ħmistax (2015) kellu liċenzja valida għall-kaċċa fuq l-art kif ukoll kien applika għal-liċenzja speċjali ta' l-insib pluvieri u mlieveż fl-2015. Jgħid li għandu l-kopja tal-formola li applika għaliha u li ingħata l-liċenzja għaliha. Jgħid li applika f'Lulju tal-2015 u li ġeneralment liċenzja toħroġ ħmistax qabel jiftaħ l-istaġun jiġifieri għal bidu ta' Ottubru. Huwa għamel referenza għall-kopja tal-applikazzzjoni li l-appellant issottometta flimkien ma' site plan fejn kien hemm il-mansab approvat li jista' juża fl-istaġun tas-sena elfejn u ħmistax (2015).Dawn jinstabu a fol 70 et sequitur. Spjega li dan kien l-uniku sit permessibli li juża l-appellant biex jonsob għall-pluvieri u għall-imlieveż.

Illi **Nimrod Mifsud** reġa xehed fis-seduta ta' quddiem din il-Qorti ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018). Huwa spjega li huwa voluntier ma' Bird life Malta u Committee Against Birds Slaughter (CABS), l-għaqdiet li jippruvaw iwaqqfu l-kaċċa u l-insib illegali iżda ma huwa jirrappreżenta lil ħadd. Jgħid li dan il-każ seħħ fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), jgħid li għalhekk dak li se jixhed huwa mill-memorja ta' ħames (5) snin ilu għalkemm kellu l-fuq minn sebgħin (70) każ. Jispjega li dan kien rapport dwar 'callers'. Spjega li 'callers' huwa meta għandek għanja tal-għasfur li mhux ġejja mill-għasfur. Jgħid li f'dan il-każ kellhom rapport li kien hemm 'caller' lejn in-naħa ta' Top of the World il-Għargħur.

Jgħid li minn Pembroke telgħu l-Għargħur u setgħa jismigħu minn-naħa tal-Għargħur, jgħid li il-'caller' kien qawwi u spjega li kif waslu ħdejn il-ġnien ħdejn Top of the World

ma kienx hemm dubju li kien hemm 'caller' f'art fl-għelieqi ta' wara max-xagħri. Jgħid li ċemplu lil ALE li ma setgħux jiġu għax kien bil-lejl, ċemplu lil tad-distrett tan-Naxxar li qalu li kienu fuq każ ieħor għal kienet inħarqet karozza f'triq prinċipali. Jgħid meta ġew Surġent u kuntistabbli, daħlu fil-proprjeta' u ftit wara ħarġu u ordnawlu biex imur jivverifika x'inhuma l-għasafar. Jgħid li jiftakar li meta daħħluh is-surġent bil-caller it-tambur ta' widnejk ma tifilhux, ma kien hemm ħadd fuq il-post, jgħid li kien hemm decoys tal-venew u mansab.

Jgħid li kien hemm decoys[6] tal-venewwa li hija lapwing[7] bl-Ingliż u pluvieri. Jispjega li l-Pulizija saqsewh x'għasafar huma peress li l-Pulizija tad-distrett mhumiex midħla bħal Pulizija tal-ALE u qalulu biex iċempel lil ALE filgħodu kmieni kif jibda x-xift. Jgħid li qalu li hekk se jagħmlu iżda qallu li l-bniedem jekk kien hawnhekk jista' jiġi jitfi kollox, jieħu kollox u ma nkunux nafu.

Jikkonferma li huwa ma ra lil ħadd fuq il-post. Xehed li reġgħu daħlu fil-karozza u għadu ħdejn il-ġnien. Jispjega li hemm trejqa waħda biss. Jgħid li għamlu hemm sal-għodwa u ċemplu lill-ALE u qalulhom li ġejja unit tal-ALE. Jgħid li l-caller kien għadu għaddej imbagħad tal-ALE infurmawh li telgħet karozza u daħlet fid-driveway ta' fejn hemm il-proprjeta'  u kif wassal lill-ALE u qalulu biex iħalli f'idejhom.

Fuq mistoqsija jispjega li huwa mar fuq il-post għat-tlieta' ta' filgħodu u li r-rapport lill-ALE sar filgħodu għal ħamsa.

In kontro-eżami spjega li telefonata minnhom kienet mill-Għargħur sat-tarf tal-Kunċizzjoni. Jikkonferma li kien għal xis-siegħa ta' filgħodu li bdew iduru. Mistoqsi jikkonferma jekk il-'bird caller' huwa kien qiegħed jisimgħu u mhux jarah, jgħid li meta mar fil-proprjeta' bl-ordni tal-Pulizija hemmhekk kien qed jgħajjat quddiemu. Ikkonferma li meta għas-siegħa ta' filgħodu (1:00am) waslu l-Għargħur kien għadu ma

[6] It-traskritzzjoni tax-xhieda taqra 'decalls' minflokk 'decoys' f'diversi istanzi;

[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda taqra 'upwing' iżda jirriżulta li din għandha taqra 'lapwing';

llokalizzahx. Xehed li anke ż-żewġ membri volontiera tal-CABS illokalizzawh u kienu jafu minn liema għalqa ġej. Jikkonferma li qabel ma ġew il-Pulizija ma daħlux fl-għalqa. Jgħid li lanqas kien jaf liema trejqa tgħaddi għal dik l-għalqa.

Jgħid li hemm id-dwal pubbliċi imma max-xagħri dlam ċappa. Mistoqsi jekk tad-dristrett ġew għas-sagħtejn ta' filgħodu imbagħad tal-ALE ġewx iżjed tard, jgħid li ġew għal ħamsa jekk mhux iżjed tard. Ikkonferma li ma kien hemm ħadd f'din l-għalqa, kien hemm xbiek u kollox għaddej ħlief il-persuna. Jgħid li wara li waslu tal-ALE, huwa ipparkja mal-ħajt tal-ġnien pubbliku u li ma rax vetturi neżlin jew ħierġin u lanqas ma ra' persuni.

Huwa kkonferma li l-istaġun kien miftuħ ħlief għall-bird callers u fuq mansab venew ma tistax tonsoblu. Irrimarka li kien fis-siegħat ta' bil-lejl iżda li l-istaġun kien miftuħ.

Id-difiża ma resqitx provi u l-appellant għażel li ma jixhidx;

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirrimarka li fis-sentenza tal-Ewwel Qorti ma hemm l-ebda movitazzjoni li abbażi tagħha sabet lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Illi għalhekk din il-Qorti apparti li fliet l-atti proċesswali, kellha terġa tisma' x-xhieda li xehdu quddiem l-ewwel Qorti.

F'dan ir-rigward issir referenza għal-artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*'

Għalhekk dan l-artikolu ma jistipulax li sentenza għandha tindika l-motivazzjonijiet li fuqhom il-Qorti tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha. Madankollu fejn sentenza ma tindikax tali motivazzjonijiet, tpoġġi ż-żewġ partijiet ossia kemm l-eventwali appellant u l-appellat f'diffikulta.

F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Grech) vs Joslann Brignone'**[8] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:

*'Illi fl-ewwel lok u qabel kollox, minkejja li l-Avukat Generali ddikjara li l-paragrafu fir-rikors ta' l-appell li jittratta dwar nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza appellata, m'ghandux jitqies bhala aggravju intiz biex jikseb in-nullita' tas-sentenza, din il-Qorti thossha xorta wahda fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil- Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il- motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenzi f' kawzi fejn l- akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal- Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal- kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl- artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl- assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il- Qorti. Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-*

*"Ikkonsidrat" "Ghal dawn il-motivi" (**bla ma tkun semmiet l-icken motiv wiehed**) issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*Illi tali stezura, apparti li ma taghmilx sens mil-lat logiku, zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll*

---

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Frar, 2007 (Appell numru 411/2006)

*għall- parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant.*

*Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tali sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal- Qorti involuta.*'

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti għaddiet sabiex tikkunsidra l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, liema parti taqra:

'*Wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(d) tal-L.S. 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 12(1) tal-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 507.71) tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-A.L 289 tal-2014 hekk kif emendat (L.S. 504.113) tal-Ligijiet ta' Malta;*'

Għalkemm l-appellant ma ressaq ebda aggravju dwar dan, il-Qorti osservat illi l-Ewwel Qorti fil-parti dispożittiva tas-sentenza ċċitat liġijiet, fil-maġġorparti tagħhom ċitati mill-prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni liema leġislazzjonijiet sussidjarji taħt il-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta kienu fid-data tad-deċiżjoni ġia ġew trasferiti taħt il-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta li l-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta, L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Att 1 tal-2016) daħal fis-seħħ nhar il-31 ta' Jannar 2016 skont l-Avviż Legali 50 tal-2016 filwaqt li uħud mid-disposizzjonijiet f'dan l-Att daħlu fis-seħħ fl-4 ta' April 2016 skont l-Avviż Legali 106 tal-2016. Taħt dan l-Att ġew trasferiti numru ta' leġislazzjonijiet sussidjarji li oriġinarjament kienu jinstabu taħt il-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li leġislazzjoni sussidjarji oħra ġew trasferiti minn taħt il-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta għal taħt il-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jista' jagħti l-każ li l-leġislazzjoni sussidjarja 504.71 li l-Ewwel Qorti tindika fis-

sentenza tagħha fid-data ta-deċiżjoni kienet enumerata fil-leġislazzjoni sussidjarja 549.42. Dan iżda ma ġiex indikat mill-Ewwel Qorti;

B'żieda ma' dan, l-Ewwel Qorti b'lapsus għamlet referenza wkoll għal-leġislazzjoni sussidjarja 507.71, liema leġislazzjoni sussidjarja ma teżistix. L-Ewwel Qorti għamlet ukoll referenza għal '*regolament 9 tal-A.L. 289 tal-2014 hekk kif emendat (L.S.504.113)*' iżda jirriżulta li r-regolament 9 ma jinstabx fl-avviż legali indikat. Filwaqt li jekk l-Ewwel Qorti meta qieset 'regolament 9' kienet qiegħda tirreferi għar-regolament fil-leġislazzjoni sussidjarja 504.113, din kif spjegat aktar kmieni f'din is-sentenza ma kinitx fis-seħħ fid-data tad-deċiżjoni.

F'dan ir-rigward issir referenza għal tgħallim ġurisprudenzjali dwar żbalji fl-artikoli kwotati fil-parti dispozittiva ta' sentenza. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[9] ġie kkunsidrat li:

*'pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"[10] u ohrajn)* (Emfażi miżjuda u data tas-sentenza ċitata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Il-Qorti kompliet tikkunsidra:

---

[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell numru 97/2006)

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata w tiddeciedi l-kaz mill-gdid. (ara f' dan is-sens l- Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**"[11] ; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**"[12]; "**Il- Pulizija vs.Benjamin Muscat**"[13] "**Il- Pulizija vs. Donald Cilia**"[14] u ohrajn)* (Emfażi miżjuda u dati tas-sentenzi ċitati jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

L-istess Qorti fis-sentenza ċitata nnutat ukoll:

*Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"[15] u ohrajn)* (Emfażi miżjuda u data tas-sentenza ċitata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

L-istess sentenzi kompliet tipprovdi:

*Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "ex officio", ghalkemm ma jkun hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**"[16] ; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**"[17] ; "**Il-Pulizija vs. Stefan Abela**[18]" u ohrajn)* (Emfażi miżjuda u dati tas-sentenzi ċitati jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

*Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti trid necessarjament tannulla w tiddeciedi mill-gdid dik il-*

---

[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru, 2003;

[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru, 2002;

[13] Deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Lulju, 2002 u t-28 ta' Ġunju, 2002;

[14] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' April, 2002;

[15] Deċiża nhar it-3 ta' Frar, 1995;

[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 1994;

[17] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar, 2005;

[18] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar,2006;

*parti tas-sentenza li tirrigwarda s-sejbien ta' htija skond it-tieni imputazzjoni w l-piena relattiva'*

Kif irrieteniet ukoll il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela'**[19] :

*'osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.*

*Ikkonsidrat ;*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. '*

Din il-Qorti tagħmel referenza ukoll għas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Carmelo Abela) vs Salvatore Cristiano'**[20] fejn ġie kkunsidrat:

*'Illi meta sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu, l-Ewwel Qorti ccitat l-artikoli 17 (3) u 17(8) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta, kif emendati bl- Att X ta' l-1988. Issa hu ovvju li dan l-artikolu m' ghadux jezisti fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap.10) u ilu li gie mhassar mill-1992 (Att I tal-1992). Li anki l- Att X tal-1988 (Att Dwar Permessi tal-Bini (Provvedimenti*

[19] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006 (Appell numru: 336/2005)

[20] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Novembru, 2005 (Appell numru: 214/2005)

*Temporanji) , Kap.322) invokat mill- Ewwel Qorti bhala li jemenda dan l-artikolu 17 gie ukoll imhassar bl-Att I ta' l-1992.*

*Illi mill-ezami tal-Att 1 tal-1992 u partikolarment l- artikolu 63 kif ukoll l-Iskedi annessi mieghu, din il- Qorti ma sabet ebda saving clause li tipperpetwa fis- sehh dan l-artikolu 17 tal-Kap.10.*

*Illi l-proceduri odjerni bdew bic-citazzjoni mahruga fil-5 ta'Gunju,1999 (fol.1) u l-kawza giet appuntata ghas- smiegh ghall-15 ta'Lulju, 1999, ossia dejjem wara li kien dahal in vigore l-Att 1 tal-1992 u wara li gie abrogat l- artikolu 17 tal-Kap.10.*

*Illi l-procedura odjerna tidher li hija wahda li taqa' taht l- artikolu 377 (3) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li :-*

*"Il-Qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir- reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat jew, skond ic-cirkostanzi, li jikkonforma ruhu mall-ligi, fi zmien, bizzejjed ghal dak il-ghan , izda f'ebda kaz aktar minn tlitt xhur mid-data tas-sentenza li jigi stabbilit mill-qorti; u, jekk min jaghmel ir-reat jonqos li jhares xi ordni bhal dak fiz-zmien hekk stabbilit<u>, hu jkun hati ta' reat u jehel, meta jinstab hati ammenda ta' mhux inqas minn zewg liri u mhux izjed minn ghaxar liri ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien."</u> (emfasi ta'din il-Qorti)*

*Ghalhekk jidher li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata minnflok ma ccitat dan l-artikolu, ccitat artikolu inezistenti u dan igib in-nullita' tas-sentenza appellata.*'

Il-Qorti tal-Appell annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-kawża fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri'[21]</u>** wara li osservat li:

'*mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m'ghadux vigenti fil-Ligi w li*

[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27ta' Marzu, 2008 (Appell numru: 420/2007)

*lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f'Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'*

Illi kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield</u>**[22]:

*'l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza ghandu jigi akkolt mhux biss ghaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li taghhom l- appellant instab hati, imma ukoll ghaliex, kif irriskontrat din il-Qorti "ex officio", fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ccitat artikoli li mhux biss ma gewx indikati lilha mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu, imma artikoli li jew huma inezistenti jew manifestament zbaljati.'*

Ikkunsidrat,

Illi l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

*'Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali.;*

Għaldaqstant l-iżbalji sollevati *ex officio* minn din il-Qorti jrendu s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla stante kif hawn fuq kkunsidrat l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontempla li sentenza kontra l-imputat għandha fost rekwiżiti oħra ssemmi l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw r-reat. La darba l-liġijiet imniżżla fis-sentenza tal-Ewwel Qorti kienu fid-data tas-sentenza ineżistenti u/jew li fid-data tas-sentenza kienu jinsabu enumerati f'leġislazzjonijiet sussidjarji oħra huwa bi ksur ta dak rikjest *ad validitatum* skont l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s- sentenza appellata u biex ma tipprivax

---

[22] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell numru: 327/2005)

lill-partijiet mill-benefiċċju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawża tiġi trattata u deċiza mill-ġdid skond il-liġi.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur